

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea WELLMONDE – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 152 803

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Ġunju 2021 fil-Każ R 1776/2020-5

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Settembru 2021 – L'Oréal vs EUIPO – Heinze (K K WATER)

(Kawża T-610/21)

(2021/C 481/48)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: L'Oréal (Pariġi, Franza) (rappreżentant: T. de Haan, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Arne-Patrik Heinze (Hamburg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea K K WATER – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 092 777

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Ġunju 2021 fil-Każ R 2327/2020-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjent għall-ispejjeż, inklużi dawk inkorsi mir-rikorrenti quddiem it-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2021 – KPMG Advisory SpA vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-614/21)

(2021/C 481/49)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: KPMG Advisory SpA (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: G. Roberti, I. Perego u R. Fragale, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- i) tannulla, totalment jew parzjalment, abbażi tal-Artikolu 263(4) TFUE, id-decision of 13th July 2021 on the exclusion of KPMG Advisory S.p.A. from participating in award procedures governed by Regulation (EU, Euratom) 2018/1046 of the European Parliament and of the Council or from being selected for implementing Union funds [Ref. Ares(2021) 4544873], innotifikata fl-14 ta' Lulju 2021 (id-deċiżjoni kkontestata);
- ii) sussidjarjament, abbażi tal-Artikolu 261 TFUE u tal-Artikolu 143(9) tar-Regolament Finanzjarju 2018, tannulla jew tnaqqas is-sanzjoni ta' esklużjoni u/jew tannulla s-sanzjoni ta' pubblikazzjoni imposta bid-deċiżjoni kkontestata;
- iii) jekk ikun il-każ, tiddikjara, abbażi tal-Artikolu 277 TFUE, l-illegalità tal-Artikolu 73(3) tar-Regolament 2018/1046 (*) u/jew tal-Artikolu 146(6) tar-Regolament 2018/1046;
- iv) u, f'kull każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrent tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali u tal-prinċipju ta' kolleġġjalità

- Ir-rikorrenti ssoġni, f'dan ir-rigward, li d-deċiżjoni hija vvizzjata minn ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali u tal-prinċipju ta' kolleġġjalità, sa fejn din ma ġietx adottata mill-Kummissjoni iżda mid-Direttur Ġenerali, bi ksur tad-dispożizzjonijiet fil-qasam ta' delega previsti fl-Artikoli 1 u 4 tar-regoli interni tal-Kummissjoni.
- Hija ssoġni wkoll l-illegalità tal-Artikolu 73(3) tar-Regolament 2018/1046.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba.

- Ir-rikorrenti ssoġni, f'dan ir-rigward, li d-deċiżjoni hija vvizzjata sa fejn ir-rikorrenti ma kellhiex il-possibbiltà li teżerċitaw b'mod sħiħ id-dritt tagħha għal kontradittorju, b'mod partikolari quddiem il-mandatariju responsabbli mill-adozzjoni tad-deċiżjoni.
- Hija ssoġni wkoll il-ksur tal-obbligu ta' eżami imparzjali u diliġenti sanċit fl-Artikolu 41 tal-Karta.
- Hija ssoġni wkoll l-illegalità tal-Artikolu 136(6) tar-Regolament 2018/1046.